# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, l-Erbgha 30 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 38.
Citazz. Nru. 618/01 JRM

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

1. **ADEN IMPORT and EXPORT COMPANY LIMITED**
2. **Francis CACHIA**
3. **Albert CACHIA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Charles Vella Zarb, datat 10 ta' Dicembru, 1998 (Dok "A") is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lis-socjeta' konvenuta Aden Import and Export Company Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta Aden Import and Export Company Limited fl-ammont ta' mija u sitta u ghoxrin elf u sebgha u erbghin liri maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm126,047.34) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' konvenuta Aden Import and Export Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1"sa "B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt in atti Nutar Dottor Charles Vella Zarb datat 10 ta' Dicembru, 1998 (Dok. "A") il-konvenut Francis Cachia iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' konvenuta Aden Import and Export Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' konvenuta mas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c.;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt in atti Nutar Dottor Charles Vella Zarb datat 10 ta' Dicembru, 1998 (Dok. "A") il-konvenut Albert Cachia iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' konvenuta Aden Import and Export Company Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' konvenuta mas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 13 ta' Lulju, 2000 li qed jigu hawn esebiti u markati Dok "C", Dok "D" u Dok "E", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf u sebgha u erbghin liri maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm126,047.34) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' konvenuta Aden Import and Export Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" sa "B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 13 ta' Lulju, 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-istqarrija tal-konvenuti quddiem il-Qorti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u ghoxrin elf u sebgha u erbghin liri maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm126,047.34) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta' konvenuta Aden Import and Export Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1" sa "B2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri

ufficjali datati 13 ta' Lulju, 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid, kontra l-konvenuti in solidum.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**30 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju, 2001.**